# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 17**

**Citazzjoni Numru 459/03 AL**

**HSBC Bank Malta plc**

**v.**

**Saviour Borg**

1. Dan il-provvediment jikkoncerna talba maghmula mill-konvenut b'rikors tal-5 ta' Frar 2016 sabiex din il-Qorti tissoprassjedi u tiddifferixxi s-smiegh ta' dan l-appell sine die, riappuntabbli wara li jigi deciz finalment ir-rikors guramentat fl-ismijiet **Saviour sive Sam Borg v. Ignatius sive Iggie Borg et**.

2. Il-Bank attur wieġeb ghal dan ir-rikors fid-9 ta' Marzu 2016 u oppona ghat-talba.

3. Din il-Qorti tosserva illi fir-rikors tieghu, il-konvenut jissottometti illi huwa intavola r-rikors guramentat fuq indikat abbazi ta' informazzjoni gdida li nghatatlu minghand huh Ignatius Borg meta ltaqa' mieghu wara hafna snin. Skont il-konvenut [attur f'dik il-kawza], din l-informazzjoni tikkonsisti fil-fatt li Ignatius Borg ammetta mieghu li kien iffalsifika l-firma tal-istess Saviour Borg fuq il-prokura in kwistjoni.

4. In tema legali ssir referenza ghas-sentenza preliminari PA **Doris Catania u żewġha Charles ghal kull interess li jista' jkollu v. Evelyn Farrugia u s-Socjeta` Filarmonika La Stella tal-Gudja A.D. 1919** deciza 9 ta' Dicembru 2015, fejn inghad:

> "*Ili huwa aċċettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tinghata meta tali smigh fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni ghar-regola ġenerali li kull kawża ghandha tinstama' sakemm tiġi maqtugha*[1], *trid tinghata dejjem taht kundizzjonijiet li ghandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir.*[2] *Kemm hu hekk, inghad sahansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali*[3], *li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti ghandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bhala tali, fis-sistema proċedurali taghna, mhijiex kontemplata ghaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni maghrufa bhala lis alibi pendens*[4] *u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi ghaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;*
>
> "*Illi huwa minhabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bhala provvediment ordinatorju mholli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bhal dik.*[5]"

[1] Art. 195(1) tal-Kap 12
[2] App. Ċiv.: 28.10.1935 fil-kawza fl-ismijiet Mifsud noe vs Abela et. (Kollez. Vol:XXIX.i.1295)
[3] P.A. Kost.: 12.8.1994 fil-kawza fl-ismijiet Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et (Kollez. Vol: LXXVIII.i.211)
[4] Kost. 20.7.1994 fil-kawża fl-ismijiet Mifsud vs Onor. Prim'Ministru et (Kollez. Vol: LXXVIII.i.171) u P.A. Kost LSO 21.7.2015 fil-kawża fl-ismijiet Partit Nazzjonalista et vs Kummissjoni Elettorali et (in parte)
[5] Ara, per eżempju, App. Ċiv. 23.6.1869 fil-kawża fl-ismijiet German et vs Scicluna et (Kollez. Vol: V.157); P.A. 23.1.1946 fil-kawża fl-ismijiet Buġeja vs Żammit (Kollez.

5. Jinsab assodat ukoll fil-gurisprudenza nostrana illi s-soprasessjoni tigi ammessa biss meta tkun spedjenti, u li l-ispedjenza ma tistax tkun mera possibilita`. Maghdud dan, isegwi illi s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. [vide in materja PA **Sylvana Tanti v. Noel Tanti et** - 3 ta' April 2014].

6. Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok illi l-mertu taz-zewg kawzi ma huwiex l-istess. Filwaqt illi permezz tar-rikors guramentat tieghu, l'hawnhekk konvenut qieghed jittanta jattakka l-prokura generali a favur ta' huh minhabba allegata falsifikazzjoni tal-firma tieghu, fil-proceduri odjerni l-konvenut imkien ma allega falsifikazzjoni tal-firma tieghu fuq l-istess prokura, la fin-nota ta' sottomissonijiet tieghu (fol. 23) fejn ghall-kuntrarju, huwa jsemmi li l-prokura in kwistjoni kienet giet moghtija minnu a favur huh, u lanqas fix-xhieda tieghu (fol. 63 et seq) fejn jghid li ghalkemm ma kienx jaf bil-konsegwenzi ta' dak li qed jiffirma, huwa ftakar li kien iffirmaha gewwa l-Mid Med Bank ta' San Giljan quddiem in-Nutar Tabone.

7. Din il-Qorti tosserva ghalhekk illi ma jkunx konsonu mal-principji tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u tal-ispeditezza illi l-odjerni proceduri jigu sospizi pendenti l-ezitu ta' dawk istitwiti mill-konvenut.

---

Vol: XXXII.ii.197) u App. Kumm.: 26.3.1984 fil-kawża fl-ismijiet Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttiġieġ et noe (mhix pubblikata)

Dan ikun ukoll ta' pregudizzju versu l-bank attur galadarba din hija allegazzjoni gdida li qed tingieb f'dan l-istadju inoltrat tal-proceduri, meta l-konvenut mhux biss qatt ma qajjem din l-eccezzjoni izda adirittura xehed bil-gurament illi jiftakar meta iffirma l-imsemmija prokura.

8. In kwantu provvediment dwar soprasessjoni huwa mholli ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tal-konvenut m'hijiex gustifikata u m'ghandhiex tigi ammessa.

9. Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba tal-konvenut kif dedotta fir-rikors tieghu tal-5 ta' Frar 2016. L-ispejjez ta' dan il-provvediment ikunu a karigu tal-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df